*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IS-SEBA LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 72**

**L-Erbgħa 20 ta' Ġunju 2018**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala ltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 228 Triq is-Salini Marsaskala fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Desiree Attard – Viċi Sindku
Elizabeth Cassar- Kunsillier
Sandro Gatt – Kunsillier
Lawrence Ciantar- Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Daniel Spiteri – Kunsillier
Charlot Cassar- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Charlot Mifsud – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**72.1** ***Qari tal-ittri ta' apoloġiji:***

**72.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittri t'apoloġiji tal-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud.

**72.2** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 71 tal-21 ta' Mejju 2018:***

**72.2.1** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li paġna 9 artiklu 71.8.3, għandu jinbidel u jinqara kif ġej.

*''Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi pagament numru 5659 tas-Sur Lawrence Cassar fuq it-tiżjien tal-Milied u ġie mwieġeb mis-Segretarju Eżekuttiv li dawn il-flus ser nirċevuhom lura min-naħa ta' l-MTA.''*

**72.2.2** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li paġna 4 artiklu 71.3.3, it-tieni paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej.

*''Saret diskussjoni fejn jista jsir dan il-big screen u ma jsirx fi Pjazza Mifsud Bonnici''*

***Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ippropona l-approvazzjoni tal-minuti u l-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri ssekondat hekk kif ġew emendati. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra u 1 astenzjoni.***

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati hekk kif emendati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

**72.2.3** Is-Sindku qal illi rigward paġna 2 artiklu 71.2.3 rigward il-kunċert bil-band ta' William Mangion id-data nbiddlet u ser issir fl-20 ta' Lulju u mhux fis-6 ta' Lulju.

**72.2.4** Il-Viċi Sindku Dr Desiree Attard staqsiet fuq paġna 2 artiklu 71.2.5 jekk l-Kunsill kellux risposta rigward l-alternattivi li kellna minħabba l-problema tal-ilma tax-xita fi Ġnien Żonqor.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-aħjar għażla finalment kienet dik li ssir trinka għaliex hija irħas u aktar addatata.

Il-Viċi Sindku staqsiet fiex wasal ix-xogħol u jekk hux qiegħdin fit-*timeframe* li kien miftiehem.

Is-Segretarju Eżekeuttiv qal illi ma jaħsibx li x-xogħol ser jilħaq jitlesta fis-16-il ġimgħa.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi x-xogħol għadu lura ħafna u mhux ħa jlaħħqu jlestu sa 2 ta' Settembru 2018.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jekk jaqbdu r-ritmu tajjeb għandhom ilestu pero bir=ritmu li għaddejien bih bħalissa żgur li mhux ha nlaħħqu nlestu.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar daħa għal-laqgħa fis-18:27.***

Is-Sindku qal illi t-target date kienet sal- 15 ta' Awwissu 2018.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hu jixtieq li sa l-aħħar ta' Lulju jitlestew c-*civil works*.

Is-Sur Lawrence Ciantar qal illi wara li jitlestew ic-civil works ikun għad fadal ħafna xogħol xi jsir.

Kien hemm qbil unanimu sabiex nkellmu lill-Perit tal-Kunsill sabiex tagħmel pressjoni lill-Kuntrattur sabiex ix-xogħol jimxi b'ritmu aktar mgħaġġel.

**72.2.5** Il-Viċi Sindku Dr Desiree Attard staqsiet fuq paġna 3 artiklu 71.2.9 u staqsiet kif sejjer ix-xogħol tal-knies fil-Lokalita' minħabba l-fatt illi fl-aħħar laqgħa kien hemm qbil illi jekk is-sitwazzjoni ma titranġax il-Kunsill għandu jibda joħroġ id-default notices.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt daħal għal-laqgħa fis-18:30***

Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi dan ix-xahar ma kellux xi ħafna ilmenti rigward dan is-servizz.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fit-triq tiegħu fejn hemm il-pavimentar xorta waħda ma jinkinisx.

Kien hemm qbil unanimu illi nkellmu lis-Sur Saviour Mifsud rigward il-pavimentar fi Triq ir-Riġnu kif ukoll l-isqaq li jagħti għal-iskola.

**72.2.6** Il-Viċi Sindku Dr Desiree Attard staqsiet fuq paġna 4 artiklu 71.3.2 jekk l-Kunsill irċeviex xi risposta għall-oġġezzjoni tiegħu.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hu bgħat l-oġġezzjoni u wara tlett tijiem ġiet persuna l-Kunsill tilmenta miegħu rigward id-deċizzjoni li ħa l-Kunsill u qaltlu illi min naħa tal-PA kienu infurmawa illi trid tiddiskuti mal-Kunsill u tilħaq kompromess qabel ma jingħatala l-permess.

Il-Kunsill baqa bl-istess pozizzjoni fuq din il-kwistjoni anzi għandu jiċċekja u jkompli jsaħħaħ l-argument.

**72.2.7** Il-Viċi Sindku Dr Desiree Attard staqsiet fuq paġna 6 artiklu 71.5.2 u qalet illi rat xi korrispondenza fejn jidher illi għadna appell.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-Segretarja tal-Bord hija s-Sinjura Lucille Bonnici u li huwa mhux ha jidħol fid-dettal pero` għadna tim professjonali u l-Avukat li qiegħed fil-bord ser jiddefendi lill-Kunsill waqt dan l-appell.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi b'dan l-appell jaf ndumu 3 xhur oħra sabiex jinħatar il-Perit, filwaqt illi fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill kien deċiż li nistennew sakemm jgħaddi l-appell sabiex l-Kunsill jiddeċiedi liema Perit ser imexxi l-proġett tal-bini tal-Kunsill. Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi qabel konna iddeċiedejna illi l-ewwel fażi tal-proġett għandha issir mill-Perit William lewis imbagħad it-tieni fażi taqa taħt idejn il-Perit li jkun ntagħżel.

Is-Sindku qal illi jħoss illi għandna nżommu ma din id-deċiżjoni.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq liema bażi il-Perit Lewis qiegħed jappella d-deċiżjoni tal-bord.

L-Assistent Prinċipal s-Sinjura Lucille Bonniċi li hija s-Segretarju tal-bord tat-Tender tal-Perit qalet illi l-Perit qed jgħid illi l-email ta' notifikazzjoni li kienet intbgħatitlu rikjesta għal kjarifika ma rċivijiex, pero l-bord għandu l-provi illi l-email intbgħatet ui rċivewa anke l-kumplament tal-membri tal-bord.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-Perit preżenti idum wisq biex iwettaq ix-xogħolijiet mitluba minnu.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Perit bħalissa qed taħdem fuq il-fondi tal-UIF kif ukoll qed tiltaqa mal-kuntrattur il-ġdid fuq diversi xogħlijiet ta' bankini. Ix-xogħol f'Marsaskala qabad ir-ritmu.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi kif qed jissemma x-xogħol tal-Kuntrattur il-ġdid jekk nafux hux qed isir ix-xogħol rikjest.

Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Kuntrattur fil-preżent qed jagħmel ix-xogħolijiet li kellhom isiru min naħa tal-Karmig.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hemm bżonn li ssir il-bankina fi Triq tal-Gardiel li hemm nieqsa fejn hemm il-parti fejn għadu jrid jinbena. Din għandha issir temporarjament sakemm jibda tiela dak il-bini pero ma nistgħux noqgħodu nistennew illi titella l-binja sakemm nagħmlu l-bankina għaliex qiegħda ta periklu.

Kien hemm qbil unanimu illi ssir din il-bankina

Is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hemm bżonn li ssir il-bankina kif ukoll id-dawl adekwat fi Triq il-Blajjiet.

Kien hemm qbil unanimu illi ssir il-bankina.

**72.2.8** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar tkellem fuq paġna 3 artikli 71.2.7 u qal illi l-fustun ġie sabiħ ħafna.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi tajjeb li nġibu stima għal fustun ieħor u jsir mid-dar il-ħamra sal-pixxina.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu kejjel min Triq San Ġorġ sa ħdejn id-dar il-ħamra u qal illi sa hemm il-fustun ikun jista jitħalla is-sena kollha pero mid-dar il-ħamra sal-bandli irid jitneħħa fix-xitwa. Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri żied jgħid illi sa Triq San Ġorġ jista jitwaħħal il-fustun mal-arbli eżistenti u l-ispiża totali tkun dik ta' €5000.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għal din is-sena jista jsir biss minn Triq San Ġorġ sad-dar il-ħamra u l-parti sal-bandli issir is-sena d-dieħla.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**72.2.9** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar tkellem fuq paġna 4 artiklu 71.3.3 u qal illi hu mhux kontra li jsir l-iscreen anzi kien favur li ssir din l-attivita` pero l-iscreen sar ġewwa l-bandli u ingħalaq l-aċċess għad-dħul tal-bandli u n-nies b'diżabilita' ma setgħux jidħlu lanqas għaliex tpoġġa trakk kif ukoll barriers, kif ukoll l-parkeġġ tan-nies b'diżabilita ġie meħud.

Is-Sindku qal illi din l-attivita' kien ser iħallas għaliha l-Kunsill l-amont ta' €600 per irriżulta li dawn il-flus kienu jkopru biss tlett attivitajiet biss ta' xandira diretta waqt il-logħob tat-tazza tad-dinja u hu tkellem mar-rapreżentanta ta' din l-attivita' fejn qaltlu illi hemm xi ħadd mis-sidien tal-ħwienet li hu nteressat li jħallas hu għal din l-attivita' u l-aċċess ingħalaq biss għal ġurnata waħda.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi jekk dan l-iscreen qiegħed ġewwa l-bandli ser ikun hemm persuni fejn jixorbu l-alcohol kif ukoll ipejpu is-sigaretti u l-liġijiet kollha se jiġu miksura.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi bl-ebda mod ma jistgħu jarmaw bars fil-parti tal-bandli.

Kien hemm qbil unanimu illi nkellmu lis-sid tal-istabbiliment u ninfurmawh sabiex iħalli l-iscreen tiegħu biss u l-aċċess tal-bandli m'għandu jingħalaq għal-ebda raġuni.

**72.2.10** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-attivita' tas-Solar Cinema ser issir fl-Imnarja għaliex inbiddlet id-data.

**72.2.11** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar tkellem fuq paġna 10 ir-raba punt rigward l-imwejjed u s-siġġijiet tal-istabbiliment *Waffle master* u qal illi s-sitwazzjoni għadha kif kienet u ma nbidel xejn.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi anke xi residenti bdew jilmentaw għaliex beda joħroġ imwejjed u siġġijiet anke quddiem bibien tan-nies sakemm xi ħadd għamel barrier.

Is-Sindku qal illi hu tkellem mas-sid u qallu li ser jirregola ruħu.

Il-Kunsillier is-Sur Ciantar qal illi dan mhux veru għaliex is-sitwazzjoni għada li kienet, kompla jgħid ukoll illi għandhom jiġu ffriskati l-marki ta' indikazzjoni ta sa fejn għandu jkollu l-imwejjed u siġġijiet kull stabbiliment.

Kien hemm qbil unanimu illi nikkomunikaw mal-Lands Department rigward l-irregolaritajiet ta' l-istabbilimenti fil-lokal u mhux biss dak tal-Waffle master kif ukoll ngħidu lilom sabiex jiffriskaw dan il-marki li jindikaw sa fejn għandhom jinħarġu l-imwejjed u siġġijiet.

**72.2.12** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-laqgħa li kellha issir mas-Supretendent għadħa ma saritx u hemm ħafna affarijiet li irridu nitkellmu miegħu dwarhom, kompla jgħid illi s-Supretendent qal illi jista jiltaqa biss filgħodu u l-Kunsilliera ma jistgħux għaliex ikunu xogħol.

Is-Sindku qal illi sab ċans u ltaqa miegħu hu u għaddielu l-ilmenti kollha li tkellmu dwarhom.

**72.2.13** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 2 artiklu 71.2.3 min fejn oriġinat l-ideja li jkollna l-band ta' William Mangion idoqq fil-lokalita`.

Is-Sindku qal illi dejjem ridna li jkollna kunċert tajjeb u inzerta li ltaqa mas-Sur Mangion hu u kien staqsa lilu jekk jagħmilx xi kunċerti u b'hekk ħarġet din l-ideja li jkollna l-band tiegħu idoqq fis- 6 ta' Lulju 2018.

**72.2.14** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 7 artiklu 71.7.2 rigward l-appell tal-Istefanel cafe.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-permess fil-PA ma kienx ġie milqugħ. Infetaħ appell mis-sid u lanqas dan ma ġie aċċettat.

**72.2.15** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 8 artiklu 71.7.8 u staqsa rigward l-breakwater taħt l-ispigola.

Is-Sindku qal illi ġie infurmat l-onor Ian Borġ rigward dan il-breakwater.

Kien hemm qbil unanimu illi nibgħatu ittra lill-Perit Janice Borġ sabiex ninfurmawha b'din il-problema.

**72.2.16** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi t-TM qed jgħatu l-permess ta' bagi fejn għandu jsir il-pitch il-ġdid tal-Waterpolo.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt infurmah illi qed jgħatuhom biss għal sena anzi għax-xhur tas-sajf biex ikun iktar preċiż.

**72.3** ***<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>***

**72.3.1** ***<u>Kwotazzjoni biex jiġu installati 'solar charging device' b'żewġ portijiet tal-USB:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta quddiem il-Kunsill l-istima għal dawn ic-*charging points.*

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi tajjeb niċċekjaw mal-kuntrattur rigward il-garanzija għal dawn ic-charging points.

Kien hemm qbil unanimu illi l-ewwel waħda għandha ssir fil-Ġnien taż-Żonqor.

**72.3.2** ***<u>Bring in site fi Triq San Ġwakkin:</u>***

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi suppost kull fejn ikun hemm erba bring in sites dawn iridu jkunu b'erba kuluri differenti skond l-materjal li jista jintrema fihom għaliex inkella l-Kunsill jista jeħel multa.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi jħoss illi r-residenti għandhom biżżejjed servizzi ma hemmx bżonn ta' dawn il-BIS għaliex il-Kunsill Lokali ta' Marsaskala joffri ġbir ta' skart separat darbtejn fil-ġimgħa u f'dawn il-jumejn ma tieqafx il-ġabra tal-iskart tal-borża s-sewda li dan jibqa sejjer sal-Ħadd.

Kien hemm qbil unanimu illi id-dome is-sewda ta' Triq San Ġwakkin titneħħa għaliex mkissra u minflokha nġibu waħda miż-Żonqor.

**72.3.3** **<u>Talba mingħand individwu biex jitnaqqas l-abbuż ta' veloċita':</u>**

Din il-korrispondenza ġiet diskussa.

**72.4** **<u>Tweġibiet għal-mistoqsijiet tal-Kunsilliera:</u>**

**72.4.1** **Mistoqsija mressqa mill-Kunsilliera- is-Sur John Baptist Camilleri (018-15/6/18):**

*"Nistaqsi jekk jistax jkollna skeda tax-xogħol ta' kif ħa jkun qed jsir ix-xogħol fuq il-magħluq u meta ħa tiġi indirizzata l-problema taċ-ċirkulazzjoni tal-ilma?"*

Is-Sindku qal illi hemm persuna illi qed iżżomm lura l-iżvilupp tal-Magħluq li hu s-Sur Darren Stephens. Kompla jgħid illi t-tindif beda pero hemm problema b'ewwel biċċa għaliex hemm l-algae u jekk din titneħħa toqtol il-bużaqqa kollha. Is-Sindku żied jgħid illi ma jistax ikun illi minħabba l-bużaqqa l-magħluq ser jibqa f'dan l-istat.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-papri ma tneħħewx kompletament.

Is-Sindku qal illi hu qiegħed f'kuntatt mas-Sur Herman Galea mill-Parks and gardens kif ukoll mas-Sur Schembri mill-ERA u qal illi s-Sur Galea jibgħat il-ħaddiema kuljum inaddfu. Is-Sindku qal illi s-Sur Galea qed jistenna l-permess mill-ERA sabiex jibda l-iskavar, hu qal illi x-xogħol mexa ħafna pero għad fadal ħafna xi jsir.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi l-Magħluq tista tagħlqu f'żewġ partijiet u jsir bid-dredging għaliex biex tipproteġi l-bużaqqa ma tistax issir bis-suction.

Kien hemm qbil unanimu illi nkellmu lill-Ministru sabiex ninfurmawh x'inhu jiġri.

**72.4.2** **Mistoqsija mressqa mill-Kunsilliera- is-Sur John Baptist Camilleri (019-15/6/18):**

*"Nistaqsi jekk wara talbiet li qbilna dwarhom u tresqu lil-Tmalta dawn l-aħħar tlett snin, jista jkolna risposta uffiċċjali dwar dawn it-talbiet li ressaq il-Kunsill?"*

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb li l-amministrazzjoni tiġbor l-korrispondenza kollha li bgħatna lit-TM ta' dawn l-aħħar tlett snin u filkas li ma kellna l-ebda risposta nibgħatulhom reminder tagħhom, fosthom rigward ir-rottot tal-Universita', tal-isptar u ż-Żonqor.

**72.5** **Rapporti:**

Ma kien hemm l-ebda rapport.

- ***Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri ħareġ mil-laqgħa fit-8:00pm***

**72.7** **Korrispondenza:**

**72.7.1** ***Applikazzjoni PA 4710/18 sottomess rigward l-eks Jerma Hotel biex tinbena lukanda u appartamenti.***

Is-Segertarju Eżekuttiv qal illi l-preokupazzjoni tiegħu hi illi fil-pjanti mhux jidher it-tunnel li konna d-diskutejna mal-propjetarji.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi mhux konvint bil-units indikati fil-permess.

Ġie deċiż illi ssir laqgħa tal-Kunsill b'urġenza sabiex tiġi diskussa biss l-applikazzjoni tal-Jerma u wara nikkomunikaw mal-PA bil-kummenti li jkollu l-Kunsill. Id-data tal-laqgħa ser tkun l-Erbgħa 27 ta' Ġunju 2018.

**72.7.2** **<u>Proposta biex jiġi l-Mobile Denral Unit mil-Fakulta' tad-Dental Surgery (Universita' ta' Malta) sabiex isiru free dental check ups:</u>**

Is-Sindku qal illi ser ikun hawn mobile unit u għandhom bżonn post ieħor fejn ikunu jistgħu jġibu żewġ dental chairs oħra għal-check ups, kompla jgħid illi l-post li sibnilhom kien il-klabb tal-boċċi fejn offra li jiftaħ l-klabb għal dawn it-tlett tijiem apposta għal din l-inizjattiva, hu qal illi hu qed jitlob kumpens u jaħseb li jekk intuh €50 kull ġurnata ikun tajjeb.

Kien hemm qbil unanimu diment li jagħtina riċevuta fiskali.

**72.7.3** **<u>Talba mingħand individwu biex jitnaqqas l-abbuż ta' veloċita':</u>**

Din il-korrispondenza ġie diskussa diġa f'punt numru 72.3.3.

**72.7.4** **<u>Karnival f'Marsaskala:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-minuti tal-laqgħa li saret rigward il-Karnival tas-sajf f'Marsaskala u qal illi b'differenza għas-sena l-oħra din is-sena jrid isir risk asessment u anke tkellem mal-insurance tal-Kunsill fejn infurmawh illi hi ser tkoppri n-nies li ser jiġu għal din l-attivita`, kompla jgħid illi din is-sena l-karrijiet ser jibdu telgħin minn ħdejn l-eks Jerma.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi tajjeb li l-karozzi jitneħħew qabel din is-sena sabiex ma jkollnix problema b'dawk il-karozzi li ma jkunux jistgħu jsibu lis-sid tal-karozza.

Kien hemm qbil unanimu illi nkellmu lill-Pulizija biex jibdew il-clearance min qabel nofsinhar.

**72.8** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagament:</u>***

**72.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi CCTV's li hemm fi Pjazza Mifsud Bonniċi ilhom tlett xhur ma jaħdmu sew u sitt xhur ilu bdnilnilhom id-DVR u issa infurmawna illi dawn il-cameras saru antiki u għalkemm tlabnijhom stima għal sistema ġdida xorta waħda ma bagħtuwilniex u allura ġibna kwotazzjoni mingħand kumpanija oħra fejn tammonta għal €3728.80 li tikkonsisiti fis-sistema kollha ta' CCTV's kif ukoll il-wiring neċessarju kollu.

Kien hemm qbil unanimu illi nordnaw din is-sistema mill-kumpanija All controls and more.

**72.8.2** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar tkellem fuq pagament *5803 rigward il-bins ġodda illi saru u qal illi tajjeb li kif jgħaddi l-istaġun tas-sajf dawn il-bins għandhom jinħaslu u jitpoġġew il-garaxx sabiex jiġu użati is-sena ta' wara.

Kien hemm qbil unanimu.

**72.8.3** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill bl-*invoices* li daħlu tard u ser jippreżenthom waqt il-laqgħa:

Nexos Street lighting għal fustun u l-installazzjoni tiegħu li jammonta għal €3395.25.

Toni's Wines and Spirits għal flixken tal-ilma għal Kunsill li jammonta għal €191.10.

***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar issekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni***

**72.9 Mozzjonijiet:**

**72.9.1 Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur John Baptist Camilleri (170- 11/5/18):**

*''Jipproponi li fil-bandli ta' Żonqor tiġi nstallata sistema ta' charging point għal USB.''*

Dan ġie diskuss diġa fil-punt numru 72.3.1.

**72.9.2 Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur John Baptist Camilleri (171-15/6/18)**

''Jipproponi li jitkompla x-xogħol fuq id-dawl ornamentali minflokk il-fustun''.

Din il-mozzjoni ser tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**72.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss :**

L-aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-8.40pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar l-Erbgħa 27 ta' Ġunju 2018 fil-5.30pm.

Ikkonfermat illum 20 ta' Ġunju 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| _______________ | _______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |